MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2013

Numru. 222/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN PULIS**
**SPETTUR CAROL FABRI**

**VS**

**RONALD AZZOPARDI**
**OMISSIS**
**OMISSIS**
**OMISSIS**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mario Zammit, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 309586 (M); l-imsemmi Brian Fenech, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 512574 (M); l-imsemmi Ronald Azzopardi, detentur

tal-Karta tal-Identita` numru 565187 (M) u Gary Mifsud, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 110285 (M).

**Akkuzati talli:**

F'dawn il-Gzejjer matul ix-xahar ta` Frar, 2013, u fix-xhur ta` qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jkisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Fit-22 ta` Frar, 2013 u/jew fil-gimghat ta` qabel, bejn is-sebgha u nofs ta` filghaxija (19:30hrs) u nofs il-lejl (00.00hrs), gewwa dawn il-gzejjer ikkommettew serq ta` cables u oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur, liema valur jammonta iktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-Elbros Construction Limited;

2. U aktar talli fl-istess data u/jew fil-gimghat ta` qabel, f'dawn il-gzejjer xjentement laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati 'reat jew xjentement b'kull mod li jkun imdahhal biex ibeighhom jew imexxihom;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkagunaw xi hsara jew hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehor u cioe` ghamlu hsara fil-cables, liema hsara tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) ghad-dannu tal-Elbros Construction Limited;

4. Akkuzati wkoll talli rrendew ruhom ricedivi ai termini ta` l-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta` Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Lil Mario Zammit, Ronald Azzopardi u Gary Mifsud, akkuzati wehidhom talli:

5. Fit-22 ta` Frar, 2013, ghal habta tal-hdax u nofs (23:30hrs) ta` filghaxija, bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe`

delitt ta` serq aggravate ta` cables u affarijiet ohra, minn gewwa Plant tal-kumpanija Elbros Construction Limited, gewwa Hal Kirkop, taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom u li kieku dan id-delitt gie esegwit kien ikun kkwalifikat bil-hin u bil-valur, li jeccedi aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-Elbros Construction Limited;

Lil Ronald Azzopardi wahdu akkuzat ukoll talli:

6. Kiser diversi kundizzjonijiet imposti fuqu mill-istess Onorabbli Qorti, meta nhar id-9 ta` Lulju, 2012, inghata sentenza ta` sentejn (2) sospizi ghal erba` (4) snin mill-Magistrat Dr. Claire-Louis Stafrace Zammit, LL.D.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi prodotti u semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 18, 261, 279, 281, 334, 325 (a), 49, 50, 289 u 41 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti tikkummenta li l-kawza ta` dan ir-reat u dawk ta` qablu hija l-problema tad-droga. Min-naha l-Qorti m’ghandiex scelta ohra hlief illi tibghat lill-imputat ghal terminu ta` prigunerija ta` erbgha (4) snin effettivi li minnhom ghandhom jitnaqqsu l-ammont ta` zmien illi l-imputat dam taht arrest in reazzjoni ghal din l-akkuza, kif ukoll qiedgha tpoggi invigore t-twissija s-sentenza sospiza li kien wehel l-imputat fid-9 ta` Lulju tas-sena 2012 quddiem il-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit, LL.D. Il-Qorti qiedgha taghmel zewg rakomandazzjonijiet. Wahda li l-imputat jitkompla jinzamm fil-*Youth Section* tal-Facilita` Korrettiva sabiex ikun jista` jiehu l-ahjar beneficcju ta` din l-inkarcerazzjoni u qiedgha wkoll tirrakkomanda bil-qawwa

kollha lid-Direttur tal-Habs sabiex dan l-imputat isegwi programm ta` riabilitazzjoni mill-problema tad-droga u dan kemm jista` jkun malajr.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------